# Mużiċisti Żwieten
## Mro. Joe Caruana.

Mro. Joseph Caruana twieled iż-Żejtun fl-1951. Sa minn ċkunitu huwa wera l-ħajra għall-mużika b'mod speċjali għall-orgni. Meta kiber huwa beda l-istudju speċjalizzat fil-mużika. Hekk insibu li studja l-armonija taħt Mro. Charles Zammit kif ukoll għand il-bravu Mro. Dun Karm Xerri li kien organista fil-konkattidral ta' San Ġwann. Wara li temm b'suċċess l-istudji tiegħu fuq l-orgni, huwa kiseb id-diplomi finali ta' l-'Associated Board of Music' u ta 'Trinity College' ta' Londra.

Mro. Caruana huwa l-organista tal-Knisja Arċipretali w Arċimatriċi ta' Santa Katarina taż-Żejtun. Fl-1979 huwa waqqaf il-Kor Parrokkjali li għadu jmexxi b'suċċess sal-lum. Dan il-kor ta' kull sena jieħu sehem fil-kant ta' l-innu mmortali 'A Santa Caterina" ta' Mro. Carlo Diacono li jindaqq mill-banda tagħna lejlliet il-festa ta' Santa Katarina.



Mro. Caruana ppartecipa f'bosta kunċerti kbar kemm bħala solista kif ukoll bħala akkumpanjatur. Huwa akkumpanja lill-Banda Beland fl-ewwel kunċert minn banda ġewwa l-parroċċa taż-Żejtun li kien sar fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa

Fl-1987 ġie mogħti borża ta' studju fi Franza fejn studja l-orgni taħt Philip Lefevre, l-organista ta' Notre Dame ta' Pariġi, kif ukoll taħt il-Professur Jean Buayer.

Mro. Caruana daqq fuq diversi orgnijiet barra minn Malta. Fost dawn insemmu dak tal-knisja ta' San Liborju f'Paderborn, il-Ġermanja, fi Franza fil-kattidral ta' San Martin u f'Pariġi fil-Kattidral tan-Notre Dame. Daqq ukoll fuq diversi orgnijiet ġewwa l-Ingilterra u fuq l-orgni tal-Bażilika ta' San Paolo fuor le Mura ġewwa Ruma.

F'pajjiżna huwa daqq u ta kunċerti fuq diversi orgnijiet f'diversi parroċċi bħal San Ġiljan, Stella Maris,Ħal Luqa, fil-kon Kattidral ta' San Ġwann, fl-inawgurazzjoni ta' l-orgni l-ġdida fil-Kattidral ta' L-Imdina u dan l-aħħar meta ta kunċert fuq l-orgni tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-belt Vittoriosa fl-okkazjoni tad-disa' ċentinarju tal-parroċċa. Fil-gżira t'Għawdex ta' min isemmi l-kunċert li ta fuq l-orgni flimkien mal-kor u l-orkestra tat-teatru Manoel fil-parroċċa ta' Għajsielem. F'dan il-kunċert indaqqet biss mużika komposta minn Mro. Carlo Diacono.

Unur ieħor li kiseb Mro. Caruana kien meta waqt iż-żjara tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu huwa ġie mistieden biex idoqq waqt il-pontifikal solenni fuq il-fosos tal-Furjana.

F'isem l-Għaqda tagħna nawguraw aktar suċċessi lil dan il-bravu Surmast Żejtuni sabiex ikompli jżomm fil-għoli l-isem taż-Żejtun fil-qasam mużikali.